# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015

**Talba Nru: 89/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**W. Gees Chemicals Limited**
**C 12057**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€386.42) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C10146545 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C 10146545 u

- Dok IZY2 – ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 10146545;
- Dok IZY3 – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji;
- Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta, bl-ingunzzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Is-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ tlett mija u sitta u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€386.42) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont ta’ tlett mija u sitta u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€386.42)bl-imghax legalimid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**